MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 815/2003

**Frank Fava**

**vs**

**Mangion Brothers (Zurrieq) Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-8 ta` Awissu, 2003, li in forza taghha, wara li eccepixxa illi:

L-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala *machine operator*;

Fid-disgha (9) ta` Marzu elfejn u tnejn (2002), gewwa l-impjant tas-socjeta` konvenuta gewwa z-Zurrieq, l-attur safa mghaffeg u korra waqt li kien qieghed jopera makkinarju li jimmanifattura bricks tal-concrete;

B`rizultat dirett ta` l-imsemmi incident l-attur sofra telf ta` qliegh, dizabilita` permanenti u danni konsegwenzjali;

L-imsemmi incident sehh unikament tort, b`negligenza, imperizja u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta` konvenuta;

Is-socjeta` konvenuta giet interpellata, anke permezz ta` ittra ufficcjali tas-sebgha (7) ta` Jannar elfejn u tlieta (2003), sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, izda baqghet inadempjenti;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident li sehh fid-9 ta` Marzu, 2002 gewwa l-impjant tas-socjeta` konvenuta fiz-Zurrieq, kif fuq deskritt;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b`konsegwenza ta` l-incident imsemmi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tas-7 ta` Jannar, 2003, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1) It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-kumpanija konvenuta m`ghandhiex tort ghall-incident in kwistjoni u m`hijiex responsabbli ghall-istess incident u l-konsegwenzjali danni;

2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tas-7 ta` Marzu, 2006, li in forza tieghu hatret bhala perit mediku lil Mr. Charles Grixti sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar id-dizabilita` permanenti allegata mill-istess attur;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit mediku pprezentat fit-8 ta` Gunju, 2006, u minnu mahluf fid-19 ta` Gunju, 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident industrijali li sehh fid-9 ta` Marzu, 2002, fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta gewwa z-Zurrieq. L-attur kien ilu jahdem fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta ghal erba` snin qabel l-incident (fis-snin precedenti kien ghamel zmien iehor jahdem mas-socjeta` konvenuta), u fuq il-magna partikolari kien ilu jahdem ghal sena u nofs qabel ma sehh l-incident. Hu kien gie mghallem fuqha minn wiehed mill-ulied tal-imghallmin tal-kumpanija. Din il-magna partikolari hija magna kbira li taghmel il-bricks u hi kontrollata minn control panel li tinsab f`kamra ohra. Il-process jinvolvi stadju fejn il-bricks tal-konkos, huma u jghaddu minn fuq conveyor belt, jghaddu minn stadju ghal iehor billi jinqalbu minn naha ghall-ohra permezz ta` makkinarju li komunement jissejjah bhala l-*"qallieba"*. Xi bricks waqghu u nkisru u biex il-magna ma tieqafx, l-attur halla l-magna fuq automatic u dahal minn fetha bejn il-magna u l-hajt, sabiex jinzel taht il-magna u jnaddaf il-bricks li nkissru. Waqt li kien hemm gew, huwa inqabbad bil-magna u gralu griehi kbar.

Jirrizulta li kienet haga noramli li jinkisru jew jispustjaw ruhhom xi bricks, u ghalkemm il-magna hija mdawra b`guards, dawn ma jostakolawx ghal kollox l-access tal-haddiema ghal gewwa l-magna, ghax il-guards jistghu facilment jigu ssupperati jew billi wiehed jitbaxxa u jghaddi minn tahthom, jew billi jdur minn wara l-magna u jidhol minn wara, u dan tramite fetha bejn il-magna u l-hajt. Il-management tal-kumpanija konvenuta tipprovdi apparat biex il-haddiema jkunu jistghu jikinsu 'l barra l-bricks imkisser, minghajr htiega li huma jidhlu hdejn il-magna, izda mhux dejjem ikun possibbli l-uzu ta` dak l-apparat, ghax fejn jitkisser il-bricks, mhux dejjem jippermetti l-uzu ta` dak l-apparat. Hekk kien il-kaz dak inhar li sehh l-incident, u meta jigri hekk, il-haddiema ghandhom uzanza li jidhlu jnadfu l-bricks manwalment. Din id-darba, l-attur, *"b`aljenazzjoni"*, halla l-magna ghaddejja fuq automatic, u waqt li kien qed inaddaf il-bricks, laqat sensor tal-magna li bdiet tahdem biex suppost taqleb il-bricks; flok il-bricks, il-magna qabdet lill-attur minn zaqqu fir-rizultat li sofra griehi kbar fl-abdomen u l-pelvis, fost griehi ohra.

Ghandu jinghad mill-ewwel li l-incident meritu tal-kawza ma sehhx ghaliex il-magna li kien qed jopera l-attur kellha xi difetti mekkanici jew ghax din kienet nieqsa minn xi *"safety measures"* mehtiega ghall-protezzjoni tal-operatur taghha. Lanqas ma jidher li kien hemm xi nuqqas ta` istruzzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta. Nonostante dawn il-fatturi, ma jfissirx li s-socjeta` konvenuta ghandha, allura, tigi awtomatikament ezonorata minn kull responsabilita` ghal hsara li jista` jsofri haddiem fuq dik il-magna partikolari. Kif osservat tant tajjeb l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Bugeja vs Montanaro Gauci noe"</u>, deciza fl-14 ta` Mejju, 2004;

*"F`materja ta` incidenti industrijali l-indagini li trid taghmel il-Qorti ghandha tkun wahda ampja. Mhux bizzejjed li jigi determinat li l-magna li tkun qed tigi operata tkun tahdem b`mod sodisfacjenti jew li din tkun provduta bil-"guards" necessarji biex kemm jista` jkun l-operatur ma jinfilzax idhejh f`partijiet perikoluzi jew li ma jhaddimx il-magna meta din suppost tkun wieqfa. L-ezami tal-Qorti jrid jkun ikkoncentrat <u>fuq l-ambjent kollu tal-post tax-xoghol</u>. Huwa*

*fatt inkonfutabbli li incident industrijali jirrikorru perjodikament b`konsegwenzi gravi ghall-impjegat minhabba in-natura stess tal-makkinarju industrijali li jkun qed jintuza u l-ambjent monotomu tal-process industrijali. Huwa minnu li s-sistema guridika taghna ma tipprospettax it-teorija ta` "strict liability" fejn id-datur tax-xoghol jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mis-subaltern tieghu indipendentement mill-htija tal-istess impjegat, kif gie ritenut f`pajjizi esteri, in kwantu l-ligi taghna tehtieg l-element ta` negligenza fl-intervent attiv jew passiv tad-datur tax-xoghol liema nuqqasijiet jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta` responsabbilita`. B`dana kollu huwa benn assodat fil-gurisprudenza nostrana, kif ukoll dik estera, li f`incidenti industrijali d-datur ta` xoghol ma jigix mehlus mir-responsabbilita` ghall-akkadut semplicement ghax juri li l-magna kienet tahdem b`mod adegwat jew ghaliex l-impjegat jkun gie istruwit fl-uzu taghha, izda huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-ickenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work"*.

Intqal ukoll mill-istess Onorabbli Qorti fil-kawza <u>"Grech vs Farrugia noe"</u>, deciza fis-7 ta` Dicembru, 1994, li min ihaddem ghandu obbligu jara li l-makkinarju jkun inhares b`mod li ma jirrekax hsara lill-haddiema, *"u dan, biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jsofri haddiem industrijali, proprju ghaliex dik l-aljenazzjoni tkun fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali".*

Issa mill-provi prodotti, din il-Qorti tirravisa nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta fil-provista ta` ambjent sigur. Dan jikkonsisti principalment fil-fatt li s-socjeta` konvenuta ma ghalqetx kull access ghal magna. Veru din kellha guards, pero`, dawn kienu facilment superabbli billi jew wiehed jitbaxxa u jghaddi minn taht wahda minnhom, jew idur minn wara u jidhol fil-magna minn fetha li thalla bejn il-magna u l-hajt. Din il-fetha zgur li s-socjeta` konvenuta kienet taf biha, u kellha tapprezza li dik il-fetha kienet ta` periklu. Il-fetha ma kienetx maghluqa u lanqas ma kien

hemm sinjali cari u effettivi li kienu jindikaw projbizzjoni assoluta li l-haddiema jutilizaw dak il-passagg biex jidhlu wara l-magna. Ghalkemm is-socjeta` konvenuta kienet tipprovdi apparat ghal gbir tal-bricks, kienet zgur konxja tal-fatt li l-haddiema taghha, xi kultant, kienu jidhlu gol-magna mill-passagg ta` wara biex jigbru l-bricks manwalment. Il-management tas-socjeta` konvenuta donnha ghalqet ghajn wahda ghal din il-prattika ghax kienet tinqeda u l-produzzjoni tibqa` ghaddejja. Dik il-fetha wara l-magna ma kellhiex tithalla, jew, jekk il-passagg kellu jkun hemm, kellha tinghalaq bi grada li tissakkar, bic-cavetta f`idejn is-supervisor biss, li jkun ordnat li jipprovdi l-access ghan-nies teknici fil-materja biss u wara li jkun assigura ruhu li l-magna tkun mitfija. Fil-fatt, ma kien hemm ebda persuna b`dawn id-doveri, u l-access thalla liberu ghall-haddiema kollha, bil-periklu li xi haddiem, f`mument ta` aljenazzjoni, jaqbad u jidhol fil-magna minn wara minghajr id-debita kawtela u attenzjoni. Hu veru li l-attur kien xi ftit traskurat b`dak li ghamel, pero`, kif intwera, huwa obbligu ta` min ihaddem li jipprevedi ghall-atti ta` aljenazzjoni u traskuragini u jikkawtela kontra l-istess.

Il-Qorti thoss li s-socjeta` konvenuta ma tatx bizzejjed konsiderazzjoni ghas-sahha tal-haddiema taghha. Gia kellha incident iehor fejn haddiem minn taghha wegga fuq l-istess magna u miet fuq il-lant tax-xoghol (f`cirkustanzi differenti minn dawk meritu tal-kawza), pero`, ma jidhirx li, wara dak l-incident, ghamlet review tal-impjant kollu taghha, u fil-kuntest ta` din l-area, kien biss fuq insistenza ta` ufficcjali mill-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` fuq il-post tax-xoghol, li tqabbad inginier biex jaghmel *"a risk assessment exercise"* bl-iskop *"of improving safety in general"*. Fir-rapport tieghu, dan l-inginier, enfasiza hafna fuq il-htiega li jinghalqu l-accessi kollha ghal partijiet perikoluzi tal-magna, u kieku dan l-ezercizzju sar qabel u r-rakkomondazzjonijiet moghtija effett qabel ma l-haddiema thallew juzaw il-magna, dan l-incident ma kienx jigri. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Vella vs ST. Microelectronics (Malta) Ltd", deciza fil-21 ta` Ottubru, 2003, *"fil-postijiet tax-xoghol ma tistax tafda illi hadd ma hu ser jkollu mument ta` nuqqas ta` attenzjoni jew ta`*

*distrazzjoni, u trid tahseb minn qabel biex dak li jkun ta` periklu tnehhih qabel ma jwegga xi hadd, u mhux wara”*. Fuq kollox l-artikolu 3(2) tal-Att biex jippromvow s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol (Kap. 367) jghid testwalment:

*“Illi huwa dmir ta` min ihaddem lil xi persuna ohra li jisgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema”*.

Is-socjeta` konvenuta naqset serjament minn dan l-obbligu impost fuqha.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li s-socjeta` konvenuta ghandha tinzamm unikament responsabbli ghall-incident li fih wegga` gravi l-attur.

Ghar-rigward tad-danni, din il-Qorti ezaminat ir-rapporti ex parte mahruga minn Mr. Carmel Sciberras u minn Mr. Frederick Zammit Maempel. Dawn ivarjaw minn xulxin billi fil-waqt li Mr. Sciberras jadebita lill-attur b`percentagg ta` dizabilita` ta` 18%, Mr. Zammit Maempel iqies li l-attur ibati minn dizabilita` ta` 10%. Il-Qorti hatret perit mediku indipendenti, u dan wara li ezamina lill-attur, ikkonkluda li l-attur fil-fatt, qed ibati minn dizabilita` permanenti ta` 10%. Kwindi, l-Qorti tqies li l-attur sofra dizabilita` permanenti ta` 10% minhabba l-incident in kwistjoni.

Id-dhul tal-attur huwa vicin il-minimum wage, tant li l-gross emoluments tieghu ghas-sena 2001 kienet ta` Lm3,561. Ma jirrizultax li l-attur ghandu xi livell gholi ta` edukazzjoni. Meta tqies, pero`, il-hajja lavorativa pjuttost twila li fadallu l-attur, il-fatt li l-pagi dejjem jizdiedu u li l-attur jista` jibda jigwadanja aktar, anke minhabba l-esperjenza li jakkwista, din il-Qorti thoss li ghandha tadatta dhul average u annwali ta` Lm5,000, mil-liema somma m`ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba it-Taxxa fuq l-Income (ara <u>“Muscat vs Schembri”</u>, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar, 1972), u lanqas minhabba hlasijiet tal-PAYE jew ta` kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali (ara <u>“Caruana</u>

vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Novembru, 1983).

Dwar il-figura tal-multiplier, jirrizulta li l-attur kellu 25 meta sehh l-incident, u, kwindi, meta tqies ic-*"chances and changes of life"*, li ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni minhabba l-imprevedibilita` u l-kontingenzi tal-hajja futura, il-figura adoperata ghandha tkun ta` 30, (ara, bhala applikazzjoni ta` dan il-principju, il-kawza "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2004).

Kwindi, l-kumpens dovut lill-attur ghandu jigi kkalkulat hekk:

Lm5,000 x 30 x 10% = Lm15,000

Peress li l-hlas sejjer issir f`daqqa ghandha titnaqqas b`percentagg ta` 18% (peress li l-incident sehh fl-2002) ghal *lump sum payment*; b`hekk, is-somma li ghandha tinghata lill-attur hija ta` Lm12,300.

Oltre dawn, l-attur ghandu dritt ghar-rimbors ta` Lm65 bhala *damnum emergens,* rapprezentanti spejjez medici inkorsi minnu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-attur, tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid-9 ta` Marzu, 2002, u li fih wegga` l-attur, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur, in linea ta` danni, s-somma ta` Lm12,365 (tnax il-elf, tlett mija u hamsa u sittin liri Maltin), bl-imghax legali ta` 8% fuq din is-somma millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------